



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10446/19

ELARG 30
COWEB 86

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10337/1/19 REV 1	
Nru dok. Cion: COM(2019) 260 final	
Suġġett:	IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI
	– Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni kif adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2019.

KUNSILL AFFARIJJIET ĠENERALI

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA'
STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2019 dwar il-Politika ta' Tkabbir tal-UE u r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo*.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir, li jibqa' politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill. Dan ikompli jirrappreżenta investiment strateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà, u l-istabbiltà fl-Ewropa. Il-Kunsill itenni li t-tħaddin ta' valuri fundamentali Ewropej u l-impenn lejhom huma għażla, u jibqgħu essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. F'konformità ma' dan, il-Kunsill ikompli jistenna li s-sħab jassumu r-responsabbiltà u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ lejn il-valuri Ewropej u t-tiftix vigoruż ta' riformi neċessarji fl-interess taċ-ċittadini tagħhom. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessalonika u d-Dikjarazzjoni ta' Sofija, il-Kunsill itenni l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. L-UE hija determinata li ssaħħa u tintensifika l-involvement tagħha fil-livelli kollha biex tappoġġa t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun, inkluż permezz ta' assistenza kontinwa, abbażi ta' progress tanġibbli fir-rigward tal-istat tad-dritt, kif ukoll tar-riformi soċjoekonomiċi, mill-Balkani tal-Punent. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewleni f'bosta oqsma.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen u tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li jibqa' l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir, ta' **kondizzjonalità ġusta u rigoruża** u l-**prinċipju ta' merti proprji**. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp proprju tagħha, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda.
4. Filwaqt li jqis l-istat ġenerali tal-isforzi attwali ta' riforma fost is-sħab, kif irrappurtat mill-Kummissjoni, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa kontinwa li tingħata attenzjoni lir-**riformi fundamentali** biex jiġu indirizzati nuqqasijiet strutturali persistenti fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Rekord tajjeb ta' implimentazzjoni ta' riformi u riżultati konkreti u tanġibbli f'dawn l-oqsma kruċjali jibqgħu essenzjali, b'mod partikolari għar-ritmu ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.

5. Il-Kunsill ifakkar li **l-istat tad-dritt** huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE u li jinsab fil-qalba kemm tal-Proċess ta' Tkabbir kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Peress li uħud mis-sħab biss avvanzaw f'dan il-qasam kruċjali, il-progress kredibbli u sostenibbli jibqa' wieħed mill-isfidi ewlenin li jeħtieġ li jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità, b'mod partikolari biex tiġi żgurata ġudikatura indipendenti, imparzjali, responsabbli u effiċjenti, u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-ħasil tal-flus. Huwa meħtieġ ukoll it-tisħiħ tal-isforzi fir-rigward tal-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali**, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, l-implimentazzjoni ta' impenji meħudin fir-rigward ta' awtoidentifikazzjoni oġġettiva u libera, it-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni ta' gruppi vulnerabbli bħar-Rom u persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI). Id-dritt għall-proprjetà għandu jiġi żgurat ukoll. Is-sitwazzjoni dwar il-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-media tqajjem kwistjoni ta' tħassib serju li dejjem qed jikber, li għandha tiġi indirizzata b'mod determinat u effettiv bħala prijorità. Il-Kunsill itenni li jeħtieġ li jittieħdu passi urġenti u konkreti biex jiġu evitati l-intimidazzjoni, it-theddid u l-attakki fil-konfront ta' ġurnalisti, u biex dawn il-każijiet jiġu riżolti fejn iseħħu. Jenħtieġu wkoll aktar sforzi biex jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rispett għad-drittijiet tan-nisa kif ukoll id-drittijiet tat-tfal. Aktar progress fir-rigward tar-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, inkluż id-depolitiċizzazzjoni u ż-żieda fil-professjonaliżmu, huwa wkoll essenzjali għat-titjib tal-governanza fil-livelli kollha. Il-**funzjonament xieraq u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi**, inkluż is-sorveljanza parlamentari msaħħa, jibqgħu essenzjali. Il-Kunsill jinnota bi tħassib ix-xejriet persistenti ta' bojkott tal-parlamenti, u jtenni li l-iżgurar ta' djalogu politiku inklużiv, b'mod partikolari fil-parlamenti, u rwol aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jibqgħu elementi essenzjali ta' demokrazija li tiffunzjona tajjeb. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' elezzjonijiet liberi, ġusti u trasparenti f'konformità mal-istandards tal-OSKE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE.

6. Fir-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' u jikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħtieġa li jittejbu l-politiki makroekonomiċi, baġitarji u strutturali. Filwaqt li jinnota li l-progress f'dawn l-oqsma u l-progress fl-istat tad-dritt u fis-sistema ġudizzjarja huma marbuta, il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-sħab kollha biex jimplimentaw il-miżuri inklużi fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tas-17 ta' Mejju 2019, ibbażati fuq il-Programmi ta' Riformi Ekonomiċi rispettivi tagħhom. Huwa ta' importanza kritika li jiġi żgurat li l-investimenti diretti barranin ma jdgħajfux is-sostenibbiltà soċjoekonomika, ambjentali u finanzjarja, u li tiġi garantita trasparenza sħiħa tal-investimenti kollha, b'mod partikolari dawk li jinvolvu proċeduri ta' akkwist pubbliku. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskju ta' dejn eċċessiv u, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent għat-trasferiment tal-kontroll fuq assi u riżorsi strateġiċi. Għaldaqstant, il-Kunsill jistenna l-implimentazzjoni sħiħa, f'ittra u f' spirtu, tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar li l-UE tibqa' bil-bosta l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija kemm għall-importazzjonijiet kif ukoll għall-esportazzjonijiet. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġi indirizzat l-eżodu ta' mħuħ u l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet u li tiġi żgurata perspettiva pożittiva għaż-**żgħażagħ**. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-konferenza "Kif għandna nwieġbu aħjar għall-aspirazzjonijiet Ewropej tal-ġenerazzjoni żagħżugħa fil-Balkani tal-Punent?" li saret f'Bukarest f'Mejju 2019.

7. Il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ il-**Ftehim storiku ta' Prespa**, li jirrappreżenta suċċess sinifikanti, filwaqt li jservi ta' eżempju pożittiv għar-reġjun u lil hinn. Huwa jfaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-partijiet involuti.

Relazzjonijiet tajba ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-Proċess ta' Tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar u jtenni l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari tal-**konnnettività** fi ħdan ir-reġjun u mal-UE. Huwa jilqa' wkoll il-Ftehim dwar ir-Roaming Reġjonali li ġie ffirmat f'Belgrad f'April 2019, li ser iġib benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini u n-negozji fir-reġjun. Il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ inizjattivi kostruttivi u strutturi li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali inklużiva, inkluż l-istrategġiji makroreġjonali tal-UE. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi biex jingħelbu l-problemi li ġejjin mill-imġhoddi u biex titrawwem **ir-rikonċiljazzjoni**, abbażi ta' klima ta' tolleranza, inklużività u fiduċja, u b'involvement qawwi tas-soċjetà ċivili. Għandhom jiżdiedu l-isforzi fil-qasam tal-persuni nieqsa. Jenħtieġ li jiġu evitati dikjarazzjonijiet u azzjonijiet li għandhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u fuq is-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. Sforzi deċiżivi u d-determinazzjoni politika l-aktar b'saħħitha jibqgħu meħtieġa biex ikun żgurat li jiġi solvut tilwim bilaterali pendent. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Prespa u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija.

Il-Kunsill ikompli jtenni l-importanza li jiġu ttrattati b'mod effettiv kawżi domestiċi ta' delitti tal-gwerra mingħajr diskriminazzjoni, li tiġi indirizzata l-impunità u li tiġi żgurata r-responsabbiltà, inkluż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikanti u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu għat-Tribunali Kriminali Internazzjonali u l-Awli Speċjalizzati u appoġġ għall-ħidma tagħhom. Jeħtieġ li jiġu solvuti t-tilwim u l-kwistjonijiet pendent f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni.

8. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-appfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' politika estera u l-aspettattivi tal-Unjoni dwar allinjament imsaħħaħ mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw interessi komuni importanti, pereżempju dwar miżuri restrittivi u l-indirizzar ta' theddid ibridu. Is-sħubija fl-UE hija għażla, u waħda li tirrikjedi l-kondiviżjoni tal-prinċipji, il-valuri u l-miri li l-Unjoni tfittex li tippromwovi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, inkluż il-kisba ta' allinjament sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u t-trażżin ta' kwalunkwe azzjoni kuntrarja għaliha.
9. Filwaqt li jirrikonoxxi b'mod partikolari l-importanza tal-**liberalizzazzjoni tal-viża** għaċ-ċittadini, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni kontinwa tal-punti ta' riferiment tal-liberalizzazzjoni tal-viża. Filwaqt li jfakkar fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni, il-Kunsill iħeġġeġ lill-awtoritajiet ikkonċernati biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-problema persistenti ta' applikazzjonijiet ta' asil manifestament mingħajr bażi, u jkomplu jsaħħu l-isforzi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.
10. It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom ta' theddida għas-sigurtà tal-UE u tar-reġjun kollu. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill itenni l-importanza għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni mat-Turkija u l-Balkani tal-Punent fil-**ġlieda kontra t-terroriżmu**, b'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra ġellieda terroristi barranin u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha, il-kontrolli msaħħa tal-fruntieri u t-traffikar illegali ta' armi tan-nar u armi ħfief. Filwaqt li l-kooperazzjoni operazzjonali intensifikat, għadhom jenħtieġu aktar sforzi u rekord tajjeb fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Filwaqt li jfakkar fl-appoġġ tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' mekkaniżmi u inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll tal-koordinazzjoni permezz tal-Governanza Integrattiva tas-Sigurtà Interna, il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lis-sħab biex ikomplu jintensifikaw u jinfurzwaw il-miżuri legali u operazzjonali f'dawn l-oqsma kollha.

11. Il-Kunsill ifaħħar lit-Turkija u lill-Balkani tal-Punent għall-isforzi u l-kooperazzjoni kostruttiva kontinwa tagħhom fir-rigward tal-**migrazzjoni**, li wasslu għal riżultati ċari. Il-Kunsill itenni li implimentazzjoni kontinwa tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija u appoġġ kontinwu għas-sħab tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent huma meħtieġa. Jenħtieġu azzjonijiet ulterjuri biex tiġi żgurata kapaċità amministrattiva u ta' infurzar suffiċjenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni, inkluż il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-Unjoni li tibni fuq ir-riżultati diġà miksuba, u li tkompli bl-appoġġ finanzjarju u l-assistenza teknika tagħha biex issaħħaħ il-kooperazzjoni f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija. Il-Kunsill jilqa' t-tlestija tan-negozjati dwar il-ftehimiet dwar l-istatus ma' ħames sħab fir-reġjun, li jippermettu l-iskjerament tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.
12. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-importanza tal-**komunikazzjoni strateġika**, inkluż it-tisħiħ tar-reżiljenza għad-diżinformazzjoni tas-sħab. Il-Kunsill jissottolinja r-responsabbiltà tas-sħab kollha li jikkomunikaw b'mod ċar il-benefiċċji u l-obbligi tat-tkabbir, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri tal-UE u riformi relatati meħtieġa. L-impenn kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, anki fil-ksib ta' politika strateġika aktar effettiva dwar il-komunikazzjoni kemm mas-sħab kif ukoll maċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari permezz tat-Task Force StratCom għall-Balkani tal-Punent, jibqa' kruċjali.
13. Il-Kunsill ifakkar fl-**assistenza finanzjarja u teknika kontinwa sostanzjali tal-UE** għall-Proċess ta' Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-forma tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Il-fokus għandu jibqa' fuq l-oqsma ewlenin ta' prijorità u fuq aktar koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li jkun sar u r-riżultati miksuba mis-sħab fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu stabbilita fl-approċċ ġenerali parzjali tiegħu dwar l-IPA III, li tinkludi l-prinċipji ta' differenzjazzjoni tal-assistenza skont il-prestazzjoni u s-sehem ġust.
14. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tat-twettiq tal-**Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija**. Huwa jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-**Istrateġija tal-Balkani tal-Punent** u l-Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija u jilqa' l-progress li sar u jinkoraġġixxi aktar implimentazzjoni.

TKABBIR

MONTENEGRO

15. Il-Kunsill jilqa' l-**progress ġenerali** li sar fin-negozjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitolu s'issa infetħu 32, u 3 ingħalqu proviżorjament. Sar xogħol importanti f'ħafna oqsma dwar l-allinjament mal-*acquis*. Madankollu, ladarba tlesta l-qafas istituzzjonali u l-qafas legali fil-parti l-kbira tiegħu jinsab fis-seħħ, issa huwa kruċjali li s-sistema tal-istat tad-dritt kollha kemm hi tagħti aktar riżultati tanġibbli u rekord imsaħħaħ u sostenibbli. B'mod partikolari, il-Kunsill jissottolinja li l-progress fir-rigward tal-kapitoli dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fil-Qafas ta' Negozjar, ikompli jkun essenzjali u ser jiddetermina r-ritmu tan-negozjati dwar l-adeżjoni b'mod ġenerali. Għalhekk, issa l-Montenegro jeħtieġ jintensifika u jsaħħaħ b'mod aktar proattiv l-isforzi ta' riforma tiegħu - b'mod partikolari fl-oqsma kritiċi tal-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u t-traffikar ta' bnedmin - biex jissodisfa l-punti ta' riferiment interim għall-kapitoli 23 u 24. Huwa biss meta l-kriterji deskritti jiġu ssodisfati, li l-UE tkun tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-istat tad-dritt, bħala punti ta' riferiment ta' għeluq, li l-Montenegro jkollu jissodisfa qabel l-għeluq ta' dawn il-kapitoli.

16. Il-Kunsill jinkoraġġixxi bis-sħiħ lill-Montenegro biex juri rieda politika ċara u jagħmel sforzi addizzjonali sinifikanti fil-**għieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**, il-ħasil tal-flus u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi, u biex itejjeb is-sekwestru u l-konfiska ta' assi kriminali. Jenħtieġ ukoll rispons ta' ġustizzja kriminali b'saħħtu għall-korruzzjoni ta' livell għoli. Il-Kunsill jitlob lill-Montenegro jggarantixxi klima sikura, li tagħti lok għal-**libertà ta' espressjoni** u l-indipendenza tal-media, inkluż billi jintensifikaw l-isforzi biex jiġu investigati u riżolti każijiet ta' attacchi kontra ġurnalisti bħala kwistjoni ta' prijetà għolja. Huwa kruċjali li tiġi żgurata l-indipendenza tax-xandir pubbliku nazzjonali u li jiġi stabbilit mekkaniżmu awtoregulatorju effettiv li jkopri l-korpi kollha tal-media. Il-Kunsill jissottolinja l-aspettattivi tiegħu ta' impenn politiku b'saħħtu u impenn ġenwin mill-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti kollha f'dawn l-isforzi kollha. Jenħtieġ wkoll aktar azzjonijiet biex titkompla r-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, u biex jissaħħu l-kapaċità amministrattiva u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari tal-ġudikatura.
17. Il-Kunsill jissottolinja li r-**riforma elettorali** tibqa' vitali għall-istabbiliment mill-ġdid tal-fiduċja elettorali, u jistenna li l-partijiet kollha jerfgħu r-responsabbiltà u jimpenjaw ruħhom mill-ġdid fi **djalogu politiku kostruttiv u inklużiv fil-parlament**, inkluż fil-ħidma tal-komitat parlamentari temporanju għar-riforma tal-leġislazzjoni elettorali u leġislazzjoni oħra, anki bil-ħsieb li jitkompla l-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż.
18. Rigward ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-ekonomija kompliet tespandi b'pass robust. Skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Montenegro biex inaqas il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali, isaħħaħ il-governanza fiskali, jirriżolvi l-istokk li fadal ta' self improduttiv, itejjeb l-ambjent regulatorju, jiżviluppa strateġija komprensiva għall-valutazzjoni kontinwa u t-tnaqqis tal-ekonomija informali, jadotta u jimplimenta l-qafas leġislattiv ġdid dwar l-akkwist pubbliku, is-sħubiji pubbliċi-privati u l-konċessjonijiet, u jżid il-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol.

19. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir ir-rwol kostruttiv u pożittiv kontinwu tal-Montenegro fl-iżvilupp ulterjuri tal-**kooperazzjoni reġjonali** u fil-progress ta' **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**.
20. Il-Kunsill ikompli jfaħħar bis-sħiħ lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu rigward kwistjonijiet ta' politika estera, u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ kontinwu tiegħu mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**. Huwa jilqa' wkoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet taħt il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.

SERBJA

21. Il-Kunsill jilqa' l-**progress ġenerali** li sar fin-negożjati dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitolu ta' negozjar s'issa infetħu [16], u 2 kapitolu ngħalqu proviżorjament. Is-Serbja kompliet taħdem lejn l-allinjament tal-leġislazzjoni tagħha mal-*acquis* f'għadd ta' oqsma. Il-Kunsill jissottolinja, madankollu, li l-progress fir-rigward tal-kapitolu dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tas-Serbja mal-Kosovo kif stabbilit fil-Qafas ta' Negożjar, ikompli jkun essenzjali u ser jiddetermina l-pass tan-negożjati għall-adeżjoni b'mod ġenerali. L-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment interim għall-kapitolu 23 u 24 hija ta' importanza fundamentali u għandha tkompli tiggwida r-riformi futuri li jwasslu għal rekord tajjeb.
22. Filwaqt li jinnota li l-integrazzjoni fl-UE tibqa' l-mira strateġika tas-Serbja, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet tas-Serbja biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ lejn il-**valuri Ewropej** u jippromwovuhom, u jfakkar fil-ħtieġa għall-Gvern tas-Serbja li jikkomunika dan b'mod aktar attiv u mhux ambigwu fid-dibattitu pubbliku.
23. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex partikolarment tiffoka u taċċellera b'mod sinifikanti l-isforzi ta' riforma tagħha u biex tikseb riżultati konkreti u tanġibbli fl-oqsma fundamentali, b'fokus partikolari fuq l-**istat tad-dritt**.

- Għad jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-indipendenza u l-effiċjenza ġenerali tal-**ġudikatura**, inkluż permezz tar-riforma kostituzzjonali li għaddejja bħalissa, u lill-implimentazzjoni effettiva ta' riformi f'dan il-qasam. Is-Serbja jeħtieġ li tikseb riżultati tanġibbli u rekord sostenibbli b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-**ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus**.
- In-nuqqas ta' progress fil-qasam tal-**libertà ta' espressjoni** jkompli jqajjem tħassib serju. Il-Kunsill jistieden lis-Serbja biex tiggarantixxi klima sikura li tiffaċilita l-eżerċitar mingħajr ostakli tal-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza, inkluż bit-tisħiħ tal-isforzi biex jiġu investigati każijiet ta' attakki fuq ġurnalisti. Filwaqt li l-Kunsill jieħu nota tal-progress miksub fit-tnejn tal-istrateġija tal-media, huwa jistieden lis-Serbja biex tadotta u timplimentaha effettivament b'mod trasparenti u inklużiv bħala kwistjoni ta' prijorità.
- Is-Serbja teħtieġ tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-**drittijiet fundamentali**, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali fis-Serbja kollha, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu ta' lingwi minoritarji, l-aċċess għas-servizzi tal-mezzi ta' komunikazzjoni u dawk reliġjużi bil-lingwi minoritarji. Il-funzjonament tajjeb tal-Kunsilli ta' Minoranzi Nazzjonali għadu importanti. Każijiet ta' diskors ta' mibegħda, intimidazzjoni u attakki għandhom jiġu indirizzati minnufih u bis-sħiħ. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal implimentazzjoni effettiva tad-dokumenti strateġiċi rilevanti.
- Barra minn hekk, jeħtieġ li jissaħħu t-trasparenza, il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet, l-inklużività u d-**dibattitu ġenwin bejn il-partiti**, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili. Aktar progress fir-rigward tal-funzjonament xieraq ta' korpi indipendenti u istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż sorveljanza parlamentari, huwa urġentement neċessarju.
- Il-Kunsill jissottolinja li r-rakkomandazzjonijiet preċedenti ta' osservaturi internazzjonali tal-**elezzjonijiet** jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità, u fi żmien biżżejjed qabel l-elezzjonijiet li jmiss.
- Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza tat-trattament domestiku ta' **delitti tal-gwerra** u ta' kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu għat-Tribunali Kriminali Internazzjonali, inkluż billi jaċċetta u jimplimenta bis-sħiħ is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tiegħu. Kwalunkwe glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra għandha tiġi evitata.

24. Fir-rigward tar-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-progress kontinwu li sar. Skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli l-isforzi biex tingħata spinta lill-kompetittività u t-tkabbir inklużiv u fit-tul permezz ta' riformi strutturali, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija, is-suq tax-xogħol kif ukoll billi jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà fl-ambjent regolatorju. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għas-Serbja li tallinja l-politika tagħha tal-kummerċ u l-enerġija mal-*acquis* tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-suq tal-gass u l-proġett Gastrans.
25. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li s-Serbja tissodisfa l-impenji tagħha u progressivament tallinja ruħha mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, skont il-Qafas ta' Negozjar, u biex treġġa' lura t-tendenza negattiva bħala kwistjoni ta' prijetà.
26. Il-Kunsill jilqa' l-parteeipazzjoni attiva kontinwa tas-Serbja f'missjonijiet u operazzjonijiet taħt il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.
27. Il-Kunsill jirrepeti wkoll l-appell tiegħu lis-Serbja biex progressivament tallinja ruħha mal-**politika komuni tal-UE dwar il-viżi** u biex toqgħod lura milli tkompli tiddevja minnha.
28. Fir-rigward tad-**Djalogu ffaċilitat mill-UE** ma' Pristina, Belgrad jeħtieġ li jagħmel sforzi sostanzjali ulterjuri u jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' ambjent favorevoli, kif ukoll joqgħod lura minn kwalunkwe att li jista' jiġi interpretat bħala provokazzjoni. Il-Kunsill jenfasizza li l-istatus quo attwali mhuwiex sostenibbli. Huwa essenzjali li d-Djalogu jibda mill-ġdid kemm jista' jkun malajr. Ftehim legalment vinkolanti komprensiv jeħtieġ li jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-*acquis* tal-UE u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Il-konklużjoni mingħajr aktar dewmien ta' tali ftehim, taħt il-faċilitazzjoni tar-Rappreżentant Għoli, hija kruċjali sabiex is-Serbja u l-Kosovo jkunu jistgħu javvanzaw fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom.

Il-Kunsill itenni li jeħtieġ li jiġu implimentati l-ftehimiet preċedenti kollha konklużi taħt id-Djalogu ffaċilitat mill-UE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-konsolidazzjoni ulterjuri tal-ftehim dwar il-Ġustizzja u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim dwar it-telekomunikazzjoni.

Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih li ma sar l-ebda progress fuq l-impenn fit-tul biex jiġu implimentati ftehimiet preċedenti tad-Djalogu, inkluż it-tnejn tal-abbozz ta' statut tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' municiplitalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo, l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim IBM kif ukoll biex jiġi implimentat b'mod deċiżiv il-ftehim dwar l-Enerġija. Il-Kunsill jiddispjaċih ukoll li l-Pont ta' Mitrovica għadu ma nfetħx għat-traffiku kollu, minkejja t-tlestija tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni.

29. Il-Kunsill jilqa' l-impenn kontinwu tas-Serbja f'għadd ta' inizjattivi ta' **kooperazzjoni reġjonali** u jinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli l-isforzi sostnuti biex jissaħħu r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

TURKIJA

30. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti lir-relazzjonijiet tal-UE mat-Turkija, sieħeb ewlieni. Huwa jibqa' impenjat li jibqa' jkollu djalogu miftuħ u sinċier, li jindirizza l-isfidi komuni u li jikkoopera f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-ekonomija u l-kummerċ. Il-laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija f'Marzu 2019, wara erba' snin, ipprovdiet opportunità biex jittieħed kont tal-istat tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija.

31. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi sinifikanti li għaddejjin bħalissa tat-Turkija biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' aktar minn 4 miljun refuġjati. L-implimentazzjoni kontinwa tad-**Dikjarazzjoni UE-Turkija**, li tnaqqas il-qsim irregolari u perikoluż u ssalva l-ħajjiet fil-Baħar Eġew, hija fl-interess taż-żewġ naħat u tibqa' kruċjali bil-ħsieb tat-twaqqif tal-migrazzjoni irregolari. Il-ġestjoni msaħħa tal-fruntieri komuni mal-UE tibqa' ta' prijorità. Sakemm il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija jiġi implimentat b'mod sħiħ u effettiv vis-à-vis l-Istati Membri kollha, il-ftehimiet bilaterali eżistenti ta' riammissjoni u dispożizzjonijiet fi ftehimiet u arranġamenti simili mal-Istati Membri tal-UE, għandhom jiġu implimentati b'mod adegwat. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE tibqa' essenzjali.
32. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Lulju 2016 li kkundannaw bil-qawwa t-tentattiv ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju u esprimew solidarjetà mal-poplu Tork u appoġġ sħiħ għall-istituzzjonijiet demokratiċi tat-Turkija, il-Kunsill esprima ripetutament tħassib serju dwar l-iskala u l-ambitu sproporzjonati tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet wara dan. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju li għadd minn dawn il-miżuri fil-prattika jibqa' fis-seħħ saħansitra wara t-tneħħija tal-istat ta' emerġenza. Il-Kunsill ifakkar fl-istandards internazzjonali u l-obbligi li t-Turkija ssieħbet magħhom u li impenjat ruħha għalihom. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex treġġa' lura b'mod urġenti dawn ix-xejriet negattivi kollha.

33. Il-Kunsill huwa speċjalment imħasseb dwar id-deterjorament kontinwu u inkwetanti ħafna fir-rigward tal-**istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali**, inkluż il-libertà ta' espressjoni. Id-deterjorament li għaddej bħalissa tal-indipendenza u l-funzjonament tal-ġudikatura ma tistax tkun aċċettata, u lanqas ma jistgħu r-restrizzjonijiet, id-detenzjonijiet, il-priġunerija kontinwi, u l-miżuri oħra attwali li għandhom fil-mira tagħhom ġurnalisti, akkademiċi, membri tal-partiti politiċi, inkluż deputati parlamentari, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, utenti tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u persuni oħra li jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. Proċedimenti ġudizzjarji reċenti li għandhom fil-mira attivitajiet leġittimi u legali ta' membri ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jqajmu tħassib serju. It-Turkija teħtieġ li tindirizza b'mod urġenti u effettiv dawn l-iżviluppi negattivi u l-ħafna nuqqasijiet serji u l-kwistjonijiet pendent li oħra li ġew identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jieħu nota pożittiva tat-tlaqqiġ mill-ġdid tal-Grupp ta' Azzjoni għar-Riforma, u jinnota l-adozzjoni tal-Istrateġija għar-Riforma Ġudizzjarja, li jeħtieġu jiġu segwiti minn passi determinati u konkreti mit-Turkija biex timplimenta l-impenji tagħha u tippreżenta riżultati ċari u tanġibbli. It-Turkija għandha tintensifika wkoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħhom u timplimenta s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 46 tal-KEDB. Il-Kunsill ifakkar li l-aħħar emendi għall-Kostituzzjoni tat-Turkija, li stabbilixxew is-sistema presidenzjali l-ġdida, ġew ivvalutati b'mod kritiku mill-Kummissjoni ta' Venezja, u neħħew ħafna mis-sistema ta' kontrokontrolli, li jipperikola s-separazzjoni tas-setgħat. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza kruċjali ta' **elezzjonijiet** liberi, ġusti u trasparenti. Filwaqt li jilqa' l-parteċipazzjoni għolja fl-elezzjonijiet municiipali ta' Marzu 2019, huwa jesprimi wkoll tħassib serju dwar ir-rispett għal-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali, b'mod partikolari fl-isfond ta' deċiżjonijiet reċenti mill-Kunsill Suprem dwar l-Elezzjonijiet.
34. Fir-rigward tar-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota r-reċessjoni li għaddejja bħalissa fl-attività ekonomika u t-tħassib aktar profond dwar il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill jappella lit-Turkija biex iżżid it-trasparenza fiskali u l-kredibbiltà, tneħħi gradwalment il-miżuri li jxekklu l-fluss liberu ta' kapital barrani, tnaqqas l-influwenza tal-istat fl-iffissar tal-prezzijiet u ttejjeb l-ambjent tan-negozju, inkluż billi ssaħħaħ l-istat tad-dritt. Għandhom jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ jew l-ekwivalenti tagħhom li mhumieks f'konformità mal-Unjoni Doganali UE-Turkija, inkluż fl-akkwist pubbliku.

35. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija tikkommetti ruħha b'mod inekwivoku għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, ftehimiet internazzjonali u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Il-Kunsill ifakkar u jafferma mill-ġdid konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, inkluż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2018 li jikkundannaw bil-qawwa l-azzjonijiet illegali kontinwi tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Baħar Eġew. Il-Kunsill jesprimi tħassib serju dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali attwali tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u jiddispijaċih li t-Turkija ma wegħbitx għas-sejthiet ripetuti tal-Unjoni Ewropea biex twaqqaf dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill jenfasizza l-impatt negattiv immedjat serju ta' dawn l-azzjonijiet illegali fuq il-firxa kollha tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Il-Kunsill jappella lit-Turkija biex turi rażan, tirrispetta d-drittijiet sovrani ta' Ċipru, u toqgħod lura minn kwalunkwe tali azzjoni. L-UE ser timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi u tinsab lesta biex tirrispondi b'mod adatt u f'solidarjetà sħiħa ma' Ċipru. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex iressqu għażliet għal miżuri xierqa mingħajr dewmien.

Barra minn hekk, il-Kunsill, kif iddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2006 u tas-26 ta' Ġunju 2018, sussegwentement approvati mill-Kunsill Ewropew, kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, jappella lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Qafas ta' Negożjar, inkluż l-implimentazzjoni nondiskriminatorja u sħiħa tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni lejn l-Istati Membri kollha. Il-Kunsill itenni li r-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Huwa imperattiv li t-Turkija tevita theddid u azzjonijiet ta' dannu għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat, tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranietà tal-Istati Membri kollha tal-UE fuq il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, inkluż fost l-oħrajn id-dritt li r-riżorsi naturali jkunu esplorati u sfruttati, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż UNCLOS. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar li għadu kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal tali soluzzjoni, inkluż l-aspetti esterni tagħha, fil-qafas tan-NU f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija imsejsa l-UE u l-*acquis*.

36. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex tallinja b'mod progressiv mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE** u treggħa' lura x-xejra negattiva persistenti bħala kwistjoni ta' prijorità u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.
37. Il-Kunsill jinnota li t-Turkija qed tkompli titbiegħed mill-Unjoni Ewropea. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill jinnota li n-negozjati tat-Turkija dwar l-adeżjoni għalhekk effettivament waqfu u l-ebda kapitolu ulterjuri ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew l-għeluq u mhija prevista l-ebda ħidma ulterjuri lejn il-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali UE-Turkija.

PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

IR-REPUBBLIKA TAL-MAĊEDONJA TA' FUQ

38. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-Ftehim ta' Prespa, li huwa storiku u mingħajr preċedent, u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija, u jieħu nota tajba tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li jinfetħu negozjati mar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar l-adeżjoni abbażi tal-evalwazzjoni pożittiva tagħha tal-progress li sar u tat-twettiq tal-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill. Fid-dawl taż-żmien limitat disponibbli u l-importanza tal-kwistjoni, il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni bil-ħsieb li tintlaħaq deċiżjoni ċara u sostantiva kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn Ottubru 2019.

ALBANIJA

39. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill jieħu nota tajba tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li jinfetħu negozjati mal-Albanija dwar l-adeżjoni abbażi tal-evalwazzjoni pożittiva tagħha tal-progress li sar u t-twettiq tal-kondizzjonijiet identifikati mill-Kunsill. Fid-dawl taż-żmien limitat disponibbli u l-importanza tal-kwistjoni, il-Kunsill ser jerġa' lura għall-kwistjoni bil-ħsieb li tintlaħaq deċiżjoni ċara u sostantiva kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn Ottubru 2019.

BOŻNIJA-HERZEGOVINA

40. Il-Kunsill jieħu nota tal-**opinjoni tal-Kummissjoni** dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal sħubija mal-UE. Il-Kunsill ser ikompli jeżamina dan id-dokument bir-reqqa u jerġa' lura għall-kwistjoni aktar tard din is-sena. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Bożnija-Herzegovina biex tipproċedi bil-formazzjoni tal-gvern mingħajr aktar dewmien, sabiex twettaq ir-riformi meħtieġa. Il-politika tal-partiti u n-nuqqas ta' rieda għal kompromess ma għandhomx iwaqqfu l-aspirazzjonijiet leġittimi taċ-ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina milli javvanzaw lejn l-Unjoni Ewropea.

KOSOVO

41. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-**implimentazzjoni kontinwa tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA)** mal-Kosovo. Dan il-ftehim mal-UE biss, li huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus, jipprovdi l-qafas kuntrattwali bejn l-UE u l-Kosovo. Huwa joffri lill-Kosovo opportunità għal progress sostenibbli u ravviċinament mal-Unjoni, skont il-perspettiva Ewropea tar-reġjun, u johlq opportunitajiet ta' kummerċ u investiment. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għar-Riforma u jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-miżuri pendenti. Huwa jappella lill-atturi politiċi kollha biex jifgħu b'mod urġenti l-attenzjoni lura fuq ir-riformi u javvanzaw l-aġenda Ewropea tal-Kosovo għall-benefiċċju tal-poplu.
42. Il-Kunsill jiddispjaċih ħafna bid-deċiżjonijiet mill-gvern li jimponi żidiet unilaterali fit-tariffi sa 100 % fuq importazzjonijiet mis-Serbja u l-Bożnija-Herzegovina f'Novembru 2018, bi ksur tal-obbligi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) u tal-ispirtu tal-FSA, kif ukoll l-impożizzjoni ta' ostakli mhux tariffarji. Il-Kunsill itenni li dawn id-deċiżjonijiet idgħajfu l-kooperazzjoni reġjonali, inkluż iż-Żona Ekonomika Reġjonali, u jridu jiġu revokati minnufih.

43. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni ta' liġijiet importanti fil-qasam tal-**istat tad-dritt** u r-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika** u jhegheg lill-Kosovo biex jimplimenta b'mod effettiv din il-leġislazzjoni.
44. Il-**korruzzjoni** u l-**kriminalità organizzata** jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod riżolut. Il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar l-indhila politiku u r-reklutaġġi mhux ibbażati fuq il-mertu u jiddispijaċih bil-ħatriet ta' persuni kkundannati b'delitti tal-gwerra għal karigi uffiċjali li jmorru kontra l-valuri Ewropej.
45. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-indirizzar ta' dgħufijiet fit-tul tal-**proċess elettorali** fil-Kosovo, iggwidati mir-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali preċedenti tal-UE. L-elezzjonijiet sindakali straordinarji tad-19 ta' Mejju 2019 urew li għad fadal nuqqasijiet, inkluż attivitajiet qabel l-elezzjoni li limitaw l-oportunità għal parteċipazzjoni demokratika sħiħa fl-elezzjonijiet.
46. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li s-sitwazzjoni ġenerali fit-Tramuntana tal-Kosovo tkompli tkun ta' sfidi partikolari fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-libertà ta' espressjoni.
47. Jeħtieġ li jkun hemm promozzjoni u protezzjoni effettivi tad-**drittijiet tal-bniedem** fil-Kosovo kollu, inkluż il-protezzjoni sħiħa tal-wirt kulturali u reliġjuż. L-inklużjoni u l-protezzjoni tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi u tar-Roma, inkluż sforzi addizzjonali biex jiġi implimentat il-qafas legali eżistenti u jiġu żgurati ambjent sigur u s-salvagwardja tad-drittijiet tagħhom għall-proprjetà, għandhom jiġu indirizzati, kif ukoll it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali.
48. Il-Kunsill jinnota progress ulterjuri fil-**ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu u t-terroriżmu**. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali fl-indirizzar tal-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva u intensa ta' kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, inkluż mal-Europol u l-Eurojust, b'rispett sħiħ lejn ir-regolamentazzjoni tagħhom u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus.

49. Skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jaderixxi mar-regoli fiskali, iżid l-isforzi fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali, jindirizza b'mod attiv il-livell għoli ta' qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh u n-nisa, jinvesti aktar fl-edukazzjoni, kif ukoll biex jagħmel użu mill-potenzjali tal-iffrankar rinnovabbli u tal-enerġija.
50. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kosovo biex ikompli l-impenn tiegħu lejn l-Awli Speċjalizzati, f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tiegħu u l-ordni ġuridiku tiegħu stess, u bħala mod kif juri sforzi ġenwini biex jiggarrantixxi l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni. Il-qafas legali eżistenti jippermetti l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni adatti tad-delitti tal-gwerra allegati kollha.
51. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kosovo biex ikompli jikkoopera mill-qrib u b'mod effettiv mal-EULEX. B'mod partikolari, il-Kunsill jistenna li jiġu segwiti b'mod adatt il-kawżi kriminali/ċivili li l-EULEX għaddiet lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti fil-Kosovo.
52. Fir-rigward tad-**Djalogu ffaċilitat mill-UE** ma' Belgrad, Pristina jeħtieġ li jagħmel sforzi sostanzjali ulterjuri u jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' ambjent favorevoli, kif ukoll joqgħod lura minn kwalunkwe att li jista' jiġi interpretat bħala provokazzjoni. Il-Kunsill jenfasizza li l-istatus quo attwali mhuwiex sostenibbli. Huwa essenzjali li d-Djalogu jibda mill-ġdid kemm jista' jkun malajr. Ftehim legalment vinkolanti komprensiv jeħtieġ li jindirizza l-kwistjonijiet pendent kollha f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-*acquis* tal-UE u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Il-konklużjoni mingħajr aktar dewmien ta' tali ftehim, taħt il-faċilitazzjoni tar-Rappreżentant Għoli, hija kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu javvanzaw fil-perkorsi Ewropej rispettivi tagħhom.

Il-Kunsill itenni li jeħtieġ li jiġu implimentati l-ftehimiet preċedenti kollha konklużi taħt id-Djalogu ffaċilitat mill-UE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-konsolidazzjoni ulterjuri tal-ftehim dwar il-Ġustizzja u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim dwar it-telekomunikazzjoni.

Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih li ma sar l-ebda progress fuq l-impenn fit-tul biex jiġu implimentati ftehimiet preċedenti tad-Djalogu, inkluż it-tnejn tal-abbozz ta' statut tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità ta' muniċipalitajiet b'magħġoranza Serba fil-Kosovo, l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim IBM kif ukoll biex jiġi implimentat b'mod deċiżiv il-ftehim dwar l-Enerġija. Il-Kunsill jiddispjaċih ukoll li l-Pont ta' Mitrovica għadu ma nfetħx għat-traffiku kollu, minkejja t-tlestija tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni.

53. Il-Kunsill ifakkar li l-progress fin-normalizzazzjoni ta' relazzjonijiet mas-Serbja huwa prinċipju essenzjali tal-FSA u jirfed l-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo.
54. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-**liberalizzazzjoni tal-viża** għaċ-ċittadini tal-Kosovo. Il-Kummissjoni għamlet proposta formali f'Mejju 2016 biex il-Kosovo jiġi ttrasferit għal-lista ta' pajjiżi eżentati mill-obbligu ta' viża ta' Schengen u ppreżentat rapport f'Lulju 2018 dwar l-issodisfar tal-punti ta' riferiment li għad fadal. F'Marzu 2019, il-Parlament Ewropew appoġġa lill-proposta tal-Kummissjoni fl-ewwel qari tiegħu. Id-deċiżjoni dwar il-proposta bħalissa qed tiġi kkunsidrata fil-Kunsill.
